Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Baġits

2025/0540(COD)

16.7.2026

VALUTAZZJONI BAĠITARJA

tal-Kumitat għall-Baġits

għall-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-appoġġ tal-Unjoni għall-ażil, il-migrazzjoni u l-integrazzjoni għall-perjodu mill-2028 sal-2034
(COM(2025)0540 – C10-0177/2025 – 2025/0540(COD))

Rapporteur għal valutazzjoni baġitarja: Matjaž Nemec

PA_LegEvaluation

VALUTAZZJONI BAĠITARJA

għall-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-appoġġ tal-Unjoni għall-ażil, il-migrazzjoni u l-integrazzjoni għall-perjodu mill-2028 sal-2034 (COM(2025)0540 – C10-0177/2025 – 2025/0540(COD))

Bis-saħħa tal-Artikolu 58 tar-Regoli ta' Proċedura, il-Kumitat għall-Baġits ħareġ valutazzjoni tal-proposta u kkonkluda dan li ġej:

Il-Kumitat għall-Baġits,

A. billi l-proposta għal regolament li jistabbilixxi l-appoġġ tal-Unjoni għall-ażil, il-migrazzjoni u l-integrazzjoni għall-perjodu mill-2028 sal-2034, flimkien mal-proposta għal regolament li jistabbilixxi l-appoġġ tal-Unjoni għaż-żona Schengen, għall-ġestjoni integrata Ewropea tal-fruntieri u għall-politika komuni dwar il-viżi għall-perijodu mill-2028 sal-2034[1] u l-proposta għal regolament li jistabbilixxi l-appoġġ tal-Unjoni għas-sigurtà interna għall-perjodu mill-2028 sal-2034[2] (flimkien: ir-"Regolamenti dwar l-Affarijiet Interni"), jipprovdu l-qafas legali speċifiku għal azzjoni tal-Unjoni fl-oqsma tal-ġestjoni tal-migrazzjoni u l-ażil, il-ġestjoni tal-fruntieri fil-fruntieri esterni tal-UE, iż-żona Schengen u l-politika Ewropea dwar il-viżi, u s-sigurtà interna; billi l-finanzjament għar-regolament propost se joħroġ mir-regolament propost li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għal koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali kif ukoll għall-agrikoltura u l-qasam rurali, għas-sajd u l-affarijiet marittimi, għall-prosperità u għas-sigurtà għall-perjodu 2028-2034[3] ("ir-Regolament SNR")

B. billi l-proposta tistabbilixxi pakkett finanzjarju indikattiv ta' madwar EUR 11,98-il biljun fi prezzijiet attwali għall-appoġġ tal-Unjoni għall-ażil, il-migrazzjoni u l-integrazzjoni, meta mqabbel ma' madwar EUR 10,94 biljun fil-perjodu ta' programmazzjoni 2021-2027, li jikkorrispondi għal żieda ta' madwar EUR 1 biljun fi prezzijiet attwali u għal tnaqqis żgħir ta' madwar EUR 0,4 biljun fi prezzijiet kostanti; billi, f'konformità mar-rapport interim tiegħu dwar il-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) li jmiss għall-perjodu 2028-2034, żieda ulterjuri hija meħtieġa; billi l-Kummissjoni pproponiet bidla sinifikanti fil-prijoritajiet baġitarji fi ħdan il-fondi tal-Affarijiet Interni, b'żidiet sostanzjali ta' 115 % u 88 %, fi prezzijiet kostanti, allokati għall-programmi suċċessuri għall-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri u l-Fond għas-Sigurtà Interna, rispettivament; billi s-sejbiet tal-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar it-tliet Regolamenti dwar l-Affarijiet Interni fakkru fir-riorjentazzjoni strutturali tal-prijoritajiet; billi l-adegwatezza tal-pakkett finanzjarju għandha tiġi vvalutata fid-dawl tal-isfidi ta' politika li qed jevolvu u l-ħtieġa li jiġi żgurat it-twettiq effettiv tal-objettivi tal-programm;

C. billi, skont l-Opinjoni 09/2026 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri, fl-ambitu tal-perjodu ta'

[1] COM(2025)0541.
[2] COM(2025)0542.
[3] COM(2025)0565.

programmazzjoni attwali qed jiġi pprovdut ċertu livell ta' flessibbiltà permezz tal-faċilità tematika;

D. billi, f'konformità mal-Artikolu 10(2)(a)(iii) tar-Regolament SNR propost, il-pakkett finanzjarju għat-tliet Regolamenti proposti dwar l-Affarijiet Interni jikkostitwixxi minimu delimitat; billi, skont l-Artikolu 11(3) tal-istess Regolament, l-Istati Membri jistgħu jallokaw mill-ġdid parti mill-ammonti indikattivi stabbiliti f'kull wieħed mit-tliet Regolamenti dwar l-Affarijiet Interni biex jimplimentaw l-objettivi tagħhom, dment li l-objettivi kollha jiġu indirizzati b'mod proporzjonat;

E. billi r-Regolament SNR propost jipprevedi biss żewġ linji baġitarji li jgħaqqdu r-Regolamenti dwar l-Affarijiet Interni, waħda għan-nefqa operazzjonali fl-ambitu tal-pjanijiet ta' sħubija nazzjonali u reġjonali u waħda fl-ambitu tal-Faċilità tal-UE, meta mqabbla mal-perjodu ta' programmazzjoni 2021-2027 meta l-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni kellu diversi linji baġitarji;

F. billi r-Regolament SNR propost jistabbilixxi l-Faċilità tal-UE, li tistabbilixxi ammont indikattiv ta' EUR 25,2 biljun disponibbli għall-miżuri relatati mal-objettivi tal-affarijiet interni;

G. billi l-proposta għandha l-għan li tindirizza l-isfidi li jiffaċċjaw l-UE u l-Istati Membri tagħha, b'mod partikolari l-Istati Membri l-aktar esposti, billi tipprovdi l-appoġġ meħtieġ tal-Unjoni biex jintlaħqu l-objettivi tal-approċċ komprensiv għall-migrazzjoni u l-ażil;

1. Jinsisti li l-pakkett tal-programm għandu minn EUR 11 975 428 500 fi prezzijiet attwali għal EUR 13 313 341 000 fi prezzijiet attwali u EUR 11 900 000 000 fi prezzijiet tal-2025 sabiex jintlaħqu l-objettivi tiegħu;

2. Jieħu nota li, skont ir-Regolament SNR propost, il-pakkett finanzjarju għat-tliet Regolamenti proposti dwar l-Affarijiet Interni jikkostitwixxi minimu delimitat; iqis, madankollu, li kull wieħed mit-tliet Regolamenti dwar l-Affarijiet Interni għandu jkollu pakkett finanzjarju separat biex jirrifletti aħjar il-prijoritajiet u l-objettivi speċifiċi tagħhom;

3. Ifakkar li finanzjament addizzjonali ġenerali allokat għall-azzjonijiet ta' affarijiet interni permezz tal-Faċilità tal-UE se jiġi stabbilit fil-qafas tal-proċedura baġitarja annwali b'rispett sħiħ għall-prerogattivi tal-awtorità baġitarja; jesprimi tħassib li l-allokazzjoni ta' finanzjament bejn it-tliet fondi tal-Affarijiet Interni u madwar l-Istati Membri hija ddeterminata biss mill-Kummissjoni permezz tal-programm ta' ħidma tagħha; iqis li dan effettivament jillimita r-rwol tal-Parlament għall-approvazzjoni ta' ċifra aggregata mingħajr ebda dritt għal opinjoni dwar il-prijoritajiet ta' nfiq reali; jappella għal kriterji ċari ta' allokazzjoni, trasparenza msaħħa u involviment parlamentari matul il-proċess kollu tat-teħid tad-deċiżjonijiet;

4. Iqis li biżżejjed riżorsi, inklużi riżorsi umani, tekniċi u tal-IT, iridu jkunu disponibbli mill-bidu nett u tul il-perjodu kollu ta' programmazzjoni tal-QFP 2028-2034 biex tiġi żgurata implimentazzjoni effettiva tal-appoġġ tal-Unjoni għall-ażil, il-migrazzjoni u l-integrazzjoni;

5. Iqis li ċertu grad ta’ flessibbiltà fl-allokazzjoni tal-finanzjament bejn l-objettivi tal-affarijiet interni huwa meħtieġ biex jiġi żgurat rispons f’waqtu u effettiv għall-isfidi li jevolvu u dawk imprevedibbli fl-oqsma tal-migrazzjoni, il-ġestjoni tal-fruntieri u s-sigurtà interna; jissottolinja, madankollu, li tali flessibbiltà trid tiġi ċirkoskritta sabiex il-prevedibbiltà *ex ante* suffiċjenti tiġi żgurata fir-rigward tal-livell effettiv ta’ finanzjament allokat għal kull objettiv, u dan jippermetti lill-benefiċjarji jimplimentaw il-fondi kif xieraq; iqis li ż-żieda fil-flessibbiltà prevista fir-Regolament SNR propost, li tippermetti lill-Istati Membri jallokaw mill-ġdid l-ammonti, meta jissottomettu l-pjanijiet inizjali tagħhom jew matul l-implimentazzjoni, bejn it-tliet pakketti tal-Affarijiet Interni mingħajr il-ħtieġa li jipprovdu ġustifikazzjoni, tirriskja li r-riallokazzjonijiet ma jkunux ibbażati fuq kriterji oġġettivi; jisħaq, f’dan ir-rigward, fuq il-ħtieġa li jiġi żgurat finanzjament stabbli u suffiċjenti bħala parti mill-appoġġ tal-Unjoni għall-ażil, il-migrazzjoni u l-integrazzjoni, filwaqt li jiġu rrispettati bis-sħiħ il-prerogattivi nazzjonali tal-Istati Membri u l-prinċipju tas-sussidjarjetà, sabiex il-programm ikun jista’ jsegwi l-objettivi tiegħu;

6. Jinsab imħasseb dwar in-nuqqas ta’ kriterji, definizzjonijiet u metodoloġiji ċari rigward dak li l-Kummissjoni tqis bħala livell adegwat jew suffiċjenti ta’ riżorsi li għandhom jiġu allokati għall-ażil, il-migrazzjoni u l-integrazzjoni, il-ġestjoni tal-fruntieri u s-sigurtà interna sabiex jintlaħqu, b’mod proporzjonat, l-objettivi kollha fil-qasam tal-affarijiet interni, kif enfasizzat il-Qorti Ewropea tal-Awdituri fl-Opinjoni 09/2026;

7. Jemmen li l-għażliet ta’ politika sostantivi kollha jridu jiġu ddeterminati fil-leġiżlazzjoni tal-att bażiku rilevanti, b’rispett sħiħ għall-prerogattivi tal-Parlament bħala koleġiżlatur u fergħa waħda tal-awtorità baġitarja tal-UE;

8. Jiddeplora n-nuqqas ta’ diżaggregazzjoni tal-baġit tal-appoġġ tal-Unjoni għall-ażil, il-migrazzjoni u l-integrazzjoni; jirrakkomanda l-istabbiliment ta’ allokazzjoni minima għal kull objettiv tal-appoġġ tal-Unjoni skont dan ir-Regolament biex jiġu żgurati t-trasparenza, il-prevedibbiltà u l-allinjament strateġiku mal-prijoritajiet tal-UE, u bilanċ xieraq bejniethom; jenfasizza, wkoll, li allokazzjoni bbilanċjata hija prerekwiżit għal baġit sinifikattiv ibbażat fuq il-prestazzjoni u ffukat fuq eżiti li jistgħu jitkejlu u użu effiċjenti tal-fondi tal-UE, kif ukoll għall-ġbir ta’ data konsistenti u l-kejl tal-progress fl-objettivi ta’ politika kollha;

9. Jiddeplora n-nuqqas ta’ nomenklatura tal-baġit indikattiva dettaljata biżżejjed għall-ażil, il-migrazzjoni u l-integrazzjoni proposta fid-dikjarazzjoni finanzjarja u diġitali leġiżlattiva li takkumpanja r-Regolament SNR propost; iqis li dan se jfixkel is-sorveljanza u l-kapaċità tal-awtorità baġitarja li tmexxi b’mod preċiż il-prijoritajiet ta’ politika fil-proċedura baġitarja annwali; jesprimi tħassib li l-arkitettura baġitarja aggregata żżejjed iżżid b’mod drammatiku d-diskrezzjoni tal-Kummissjoni fit-trasferiment u r-riallokazzjoni tar-riżorsi mingħajr deċiżjoni tal-awtorità baġitarja, u tillimita serjament is-sorveljanza parlamentari; jirrakkomanda nomenklatura li tirrifletti kif xieraq l-objettivi u l-istruttura tal-ażil, il-migrazzjoni u l-integrazzjoni u ssaħħaħ it-trasparenza, l-obbligu ta’ rendikont u l-kontroll parlamentari;

10. Ifakkar li n-nomenklatura tal-baġit trid tiġi stabbilita f’konformità mal-Artikolu 47(2) tar-Regolament Finanzjarju[4], li jipprevedi li kull titolu jrid jikkorrispondi għal qasam ta’

[4] Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta’ Settembru 2024 dwar

politika u li kull kapitolu għandu, bħala regola, jikkorrispondi għal programm jew għal attività, f'konformità mal-prinċipji tal-ispeċifikazzjoni, tal-ġestjoni finanzjarja tajba u tat-trasparenza; jirrakkomanda li l-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni jemenda l-proposta biex jinkludi anness li jiddefinixxi n-nomenklatura tal-programm; jinsisti li n-nomenklatura tal-baġit tifforma parti integrali mill-pożizzjoni ta' negozjar tal-Parlament u trid tiġi diskussa fin-negozjati interistituzzjonali; iqis, f'dan ir-rigward, li d-dikjarazzjoni finanzjarja u diġitali leġiżlattiva riveduta trid tkun parti mill-ftehim politiku finali;

11. Jenfasizza l-importanza li tittejjeb il-koordinazzjoni bejn il-fondi rilevanti tal-UE biex jiġu evitati d-duplikazzjonijiet u jiġi massimizzat l-impatt tal-finanzjament tal-UE;

12. Jisħaq li l-appoġġ tal-Unjoni għall-ażil, il-migrazzjoni u l-integrazzjoni għandu jissaħħaħ filwaqt li jinżammu u jiġu estiżi l-flussi ta' finanzjament dirett fi ħdan il-Faċilità tal-UE għall-awtoritajiet lokali u reġjonali, abbażi tal-mudell tal-faċilità tematika attwali tal-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, f'konformità mal-pożizzjoni tal-Parlament espressa fir-rapport *interim* tiegħu u l-objettivi stabbiliti f'dan ir-Regolament;

13. Jinsisti li l-prerogattivi tal-awtorità baġitarja jkunu rispettati bis-sħiħ; jappella għal evalwazzjoni perjodika tar-riżultati miksuba permezz tal-appoġġ finanzjarju tal-UE, sabiex jiġu żgurati effiċjenza u obbligu ta' rendikont akbar;

14. Jinsisti li leġiżlazzjoni dettaljata u soda biżżejjed, b'livell xieraq ta' governanza, hija kundizzjoni għal teħid xieraq ta' deċiżjonijiet baġitarji u sorveljanza parlamentari adegwata matul l-implimentazzjoni tal-baġit; jirrakkomanda li jiġu introdotti dispożizzjonijiet biex jissaħħaħ il-kontroll fuq kif il-baġit jiġi mobilizzat u minfuq; iqis li l-ħekk imsejjaħ "mekkaniżmu ta' tmexxija" bl-ebda mod ma jista' jkun sostitut għas-setgħat leġiżlattivi u baġitarji tal-Parlament, u ma jistax jinħoloq mingħajr arkitettura ta' governanza soda li tiżgura l-eżerċizzju effettiv ta' tali setgħat;

15. Ifakkar fil-proposta għal regolament li jistabbilixxi qafas ta' traċċar u ta' prestazzjoni tan-nefqa baġitarja u regoli orizzontali oħra għall-programmi u għall-attivitajiet tal-Unjoni[5] (ir-Regolament dwar il-Prestazzjoni), li tistabbilixxi lista simplifikata unika għall-indikaturi tal-prestazzjoni u d-dispożizzjonijiet dwar il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni, li wħud minnhom huma rilevanti għall-appoġġ tal-Unjoni għall-ażil, il-migrazzjoni u l-integrazzjoni; jissottolinja li kwalunkwe bidla fl-arkitettura, fl-objettivi u fl-azzjonijiet eliġibbli fl-ambitu tal-programm se jkun meħtieġ li tiġi riflessa b'mod xieraq fl-Anness I tar-Regolament dwar il-Prestazzjoni, bħala parti mill-proċess ta' emendar u ta' negozjar ta' dak ir-Regolament; jirrimarka li, filwaqt li l-leġiżlazzjoni settorjali tista' tissupplimenta r-Regolament dwar il-Prestazzjoni, pereżempju fir-rigward tal-evalwazzjonijiet tal-programmi, għandha tibqa' konsistenti mad-dispożizzjonijiet ta' dak ir-Regolament;

16. Ifakkar li skont l-Artikolu 6(2) tar-Regolament Finanzjarju, l-istabbiliment u l-implimentazzjoni tal-baġit iridu jikkonformaw ma' reġim ġenerali ta' kundizzjonalità

---

ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj).

[5] COM(2025) 0545.

f'każijiet ta' ksur tal-istat tad-dritt; jissottolinja, barra minn hekk, li l-Artikolu 6(3) tal-istess Regolament jirrikjedi li l-Istati Membri u l-Kummissjoni, fl-implimentazzjoni tal-baġit, jiżguraw konformità mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u jirrispettaw il-valuri li fuqhom hija msejsa l-UE, kif minqux fl-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea;

17. Jieħu nota tal-komplementarjetà ssuġġerita bejn l-appoġġ tal-Unjoni għall-ażil, il-migrazzjoni u l-integrazzjoni u programmi oħra, bħal Ewropa Globali; jisħaq li il-komplementarjetà msaħħa bejn l-istrumenti ma tridx titwettaq għad-detriment tat-traċċabbiltà tan-nefqa jew tal-prerogattivi tal-awtorità baġitarja; jissottolinja li l-kontribuzzjoni tal-programm għall-operazzjonijiet iffinanzjati b'mod konġunt ma' strumenti oħra trid tkun identifikabbli b'mod espliċitu fl-istadji kollha taċ-ċiklu baġitarju; jisħaq, f'dan ir-rigward, li kwalunkwe kontribuzzjoni ta' dan it-tip trid tiġi riflessa kif xieraq fid-dikjarazzjoni tal-prestazzjoni tal-programm; jinsisti li l-awtorità baġitarja għandha żżomm il-kontroll sħiħ fuq il-mod kif ir-riżorsi jiġu kkombinati bejn l-istrumenti u fuq il-kontribut effettiv ta' kull programm għall-prijoritajiet tal-UE, partikolarment permezz ta' nomenklatura tal-baġit dettaljata; jisħaq li komplementarjetà msaħħa bejn il-programmi ma tridx twassal għal kumplessità sproporzjonata għall-benefiċjarji; jappella biex il-finanzjament tal-Unjoni jkun aktar ċar, aktar aċċessibbli u aktar koerenti sabiex tiġi ffaċilitata l-adozzjoni u jiġi massimizzat l-impatt tal-investimenti;

18. Jisħaq li l-użu ta' dħul assenjat estern skont l-appoġġ attwali tal-Unjoni jrid ikun ċirkoskritt b'mod ċar, totalment trasparenti u soġġett għal skrutinju parlamentari effettiv; jieħu nota, f'dan ir-rigward, tad-dispożizzjonijiet relatati mal-kontribuzzjonijiet addizzjonali minn kwalunkwe pajjiż terz parteċipant għall-appoġġ tal-Unjoni; ifakkar fl-importanza li tiġi żgurata t-traċċabbiltà tad-dħul assenjat estern; jissottolinja li, jekk il-kumitat ewlieni jqis li jemenda dispożizzjonijiet relatati mad-dħul assenjat estern, dan għandu jsir f'koordinazzjoni mal-Kumitat għall-Baġits u mal-kumitati l-oħra sabiex jiġi żgurat approċċ konsistenti;

19. Jappella għad-definizzjoni ta' rekwiżiti konsistenti u armonizzati għall-Istati Membri rigward il-prevenzjoni, id-detezzjoni, ir-rapportar u l-korrezzjoni tal-frodi mill-bidu nett tal-perjodu ta' implimentazzjoni;

20. Jisħaq li l-oqfsa robusti eżistenti ta' kontroll u awditjar iridu jiġu implimentati bis-sħiħ, applikati b'mod konsistenti u infurzati b'mod effettiv fil-livelli kollha, inkluż fir-rigward ta' pajjiżi terzi assoċjati mal-programm, sabiex jiġu protetti l-interessi finanzjarji tal-Unjoni;

21. Jistieden lill-kumitat ewlieni jikkoordina l-emendi tiegħu sabiex ikunu kompletament konsistenti ma' dawk adottati għar-Regolament SNR propost. itenni l-ħtieġa li jinżammu l-qafas u r-regoli ta' implimentazzjoni orizzontali għall-politiki inkluż fl-ambitu tar-Regolament SNR propost, sabiex tiġi żgurata l-koerenza u tiġi evitata l-frammentazzjoni.

EMENDI

Fil-qafas tal-valutazzjoni baġitarja tiegħu, il-Kumitat għall-Baġits jippreżenta wkoll l-emendi li ġejjin għall-proposta:

Emenda 1

Proposta għal regolament
Premessa 11a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(11a) Jenħtieġ li l-komplementarjetà bejn l-appoġġ tal-Unjoni għall-ażil, il-migrazzjoni u l-integrazzjoni u strumenti oħra tal-Unjoni ma titwettaqx għad-detriment tat-traċċabbiltà tan-nefqa jew tal-prerogattivi tal-awtorità baġitarja. Il-kontribuzzjoni tal-programm għall-azzjonijiet iffinanzjati b'mod konġunt jenħtieġ li tibqa' identifikabbli b'mod espliċitu fl-istadji kollha taċ-ċiklu baġitarju u jenħtieġ li tiġi riflessa kif xieraq fid-dikjarazzjoni tal-prestazzjoni tal-programm.

Emenda 2

Proposta għal regolament
Premessa 17a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(17a) F'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 (ir-Regolament Finanzjarju), l-implimentazzjoni tal-Programm jenħtieġ li tirrispetta bis-sħiħ il-valuri minquxa fl-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

Emenda 3

Proposta għal regolament
Premessa 17b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(17b) Ir-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 japplika għal dan il-programm. Dan jistabbilixxi reġim ġenerali ta' kundizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni fil-każ ta' ksur tal-prinċipji tal-istat tad-dritt fl-Istati Membri.

Emenda 4

Proposta għal regolament
Premessa 19a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(19a) Id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament kif ukoll l-arranġamenti ta' governanza tiegħu jridu jwasslu għat-teħid xieraq ta' deċiżjonijiet mill-awtorità baġitarja u għal sorveljanza parlamentari xierqa. B'mod partikolari, f'konformità mal-Artikolu 47(2) tar-Regolament Finanzjarju, kwalunkwe speċifikazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni għall-użil, il-migrazzjoni u l-integrazzjoni jenħtieġ li tiġi riflessa kif xieraq fin-nomenklatura tal-baġit permezz tal-introduzzjoni ta' linji baġitarji korrispondenti.

Emenda 5

Proposta għal regolament
Premessa 19b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(19b) L-implikazzjonijiet ta' dan ir-Regolament fuq il-baġit tal-Unjoni ġew ivvalutati⁺skont l-Artikolu 310(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Jenħtieġ li jiġu allokati biżżejjed riżorsi finanzjarji u umani għall-implimentazzjoni tiegħu, filwaqt li jitqies l-impatt tal-finanzjament tiegħu fuq programmi jew politiki oħra tal-Unjoni u

tiġi żgurata l-kompatibbiltà tiegħu mal-qafas finanzjarju pluriennali, kif ukoll mal-prinċipji baġitarji stabbiliti fir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1].

+ Pro memoria: Il-valutazzjoni baġitarja tal-Kumitat għall-Baġits tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Lulju 2026 dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi l-appoġġ tal-Unjoni għall-ażil, il-migrazzjoni u l-integrazzjoni għall-perjodu mill-2028 sal-2034 (COM(2025)0540).

[1] Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj).

Emenda 6

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-pakkett ***finanzjarju indikattiv*** għall-implimentazzjoni tal-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 3 għall-perjodu mill-2028 sal-2034 huwa stabbilit għal EUR ***11 975 428 500*** fi prezzijiet attwali. Dan għandu jiġi implimentat f'konformità mar-regoli orizzontali għall-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali stabbiliti fir-Regolament (UE) […] li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, l-agrikoltura u ż-żoni rurali, is-sajd u s-settur marittimu, il-prosperità u s-sigurtà.	1. Il-pakkett ***tal-programm*** għall-implimentazzjoni tal-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 3 għall-perjodu mill-2028 sal-2034 huwa stabbilit għal EUR ***13 313 431 000*** fi prezzijiet attwali ***(EUR 11 900 000 000 fi prezzijiet tal-2015)***. Dan għandu jiġi implimentat f'konformità mar-regoli orizzontali għall-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali stabbiliti fir-Regolament (UE) […] li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, l-agrikoltura u ż-żoni rurali, is-sajd u s-settur marittimu, il-prosperità u s-sigurtà.

ANNESS: DIKJARAZZJONI TAL-KONTRIBUT

Ir-rapporteur għal valutazzjoni baġitarja jiddikjara, taħt ir-responsabbiltà esklużiva tiegħu, li fil-valutazzjoni baġitarja tiegħu ma inkludiex kontribut mingħand rappreżentanti ta' gruppi ta' interess li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza[1], jew mingħand rappreżentanti ta' awtoritajiet pubbliċi ta' pajjiżi terzi, inklużi l-missjonijiet diplomatiċi u l-ambaxxati tagħhom, li għandhom jiġu elenkati f'dan l-Anness f'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura.

[1] Il-Ftehim Interistituzzjonali tal-20 ta' Mejju 2021 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza (ĠU L 207, 11.6.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_interinstit/2021/611/oj).

PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JOĦROĠ VALUTAZZJONI BAĠITARJA

Titolu	L-istabbiliment tal-appoġġ tal-Unjoni għall-ażil, il-migrazzjoni u l-integrazzjoni għall-perjodu mill-2028 sal-2034
Referenzi	COM(2025)0540 – C10-0177/2025 – 2025/0540(COD)
Kumitat(i) responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	LIBE 23.10.2025
Valutazzjoni baġitarja maħruġa minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	BUDG 23.10.2025
Rapporteur għal valutazzjoni baġitarja Data tal-ħatra	Matjaž Nemec 19.12.2025
Eżami fil-kumitat	6.5.2026
Data tal-adozzjoni	15.7.2026
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 23 –: 4 0: 1

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
MILL-KUMITAT LI JINTALAB JOĦROĠ VALUTAZZJONI BAĠITARJA

23	+
NI	Thomas Geisel
PPE	Georgios Aftias, Monika Hohlmeier, Janusz Lewandowski, Danuše Nerudová, Jacek Protas, Jüri Ratas, Hélder Sousa Silva
PfE	Jaroslav Bžoch, Jaroslava Pokorná Jermanová
Renew	Olivier Chastel, Fabienne Keller, Joachim Streit, Lucia Yar
S&D	Matthias Ecke, Jean-Marc Germain, Sandra Gómez López, Giuseppe Lupo, Matjaž Nemec, Carla Tavares, Nils Ušakovs
Verts/ALE	Ignazio Roberto Marino, Rasmus Nordqvist

4	-
ESN	Alexander Jungbluth
PfE	Angéline Furet, Julien Sanchez, Auke Zijlstra

1	0
ECR	Ruggero Razza

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni